KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 07Ad hoc_7/09/09 VI

## MINUTI TAS-SEBA SEDUTA (Ad Hoc)

**Is-seba seduta Ad hoc** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet it-Tnejn 7 **ta' Settembru, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>~~**Nicolai Gauci**~~ |
| **Skużati:** | **Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Assistant Principle:** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fis-6 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Aggudikazzjoni tal-*expression of interest* għall-magazin tas-Sliema
2. Aggudikazzjoni tat-*tender* tal-*contracts manager*.
3. Għażla għall-post vakant ta' skrivan/a klerikali fl-uffiċċju tal-kunsill.
4. Applikazzjoni għal *CPPS Funding* għall-pubblikazzjoni ta' ktejjeb li jispjega fid-dettal is-sistema ta' RPZ kif ukoll sejħa għall-offerti għall-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb.

*a. Is-sindku N. Dimech fakkar lill-kunsilliera preżenti li kien staqsa lill-Onorevoli Ministru tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali biex jiltaqa' miegħu dwar il-pjanijiet ta' Qui-si-sana fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, 2009. Is-sindku N. Dimech qal li hu ġie infurmat mill-istess Ministru li l-pjanti ta' Qui si sana għadhom ma waslulux minħabba li dan il-proġett jaqa taħt ir-responsabbilta ta' ministeru ieħor. Is-sindku informa lill-kunsilliera preżenti li se jiltaqa' ma' l-istess Ministru fl-10 ta' Settembru, 2009.*

*b. Is-sindku N. Dimech talab biex il-kartolini li kienu qegħdin jintbagħtu lill-anzjani Slimiżi f'egħluq sninhom, ma jibqgħux jintbagħtu minħabba d-diversi ilmenti li l-kunsill kien qiegħed jirċievi għaliex ġieli kienu qegħdin jintbagħtu bi żball lil nies li m'għandhomx magħna, minħabba li l-kunsill ma kienx qiegħed jiġi jirċievi l-informazzjoni kollha. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan għaliex ukoll kienu qegħdin jintefqu flus u l-kunsill huwa involut f'ħafna iktar volum ta' xogħol.*

*c. Is-sindku N. Dimech irringrazzja lill-kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u E. Cushchieri ta' l-attivita kulturali li ġiet organizzata fi Ġnien Indipendenza u li kienet ta' suċċess.*

## 1. Aġġudikazzjoni tal-*expression of interest* għall-magazin tas-Sliema.

Is-Segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-applikanti għal din is-sejħa kienu dawn il-kumpaniji:

| | |
|---|---|
| IzzyInc | Is- Sur Nick Ripard |
| Veritas Press | Is-Sur John Mifsud |
| Content House | Is-Sur Jesmond Bonello |

Is-segretarju eżekuttiv ta' l-informazzjoni meħtieġa dwar l-offerti li urew dawn l-istess kumpaniji.

Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li din għanda tingħata lill-kumpanija *IzzyInc* minħabba li ta' l-aħjar offerta. Kien hemm qbil unanimu wkoll li dan il-kuntratt jingħata għall-ewwel żewġ pubblikazzjonijiet tal-magazin minħabba l-fatt li l-garanzija min-naħa ta' l-applikant ingħatat għal l-ewwel żewġ pubblikazzjonijiet biss. Eventwalment il-kuntratt jiġi mġedded minn pubblikazzjoni għal oħra skont jekk tingħatax il-garanzija mitluba mil-kunsill.

## 2. Aġġudikazzjoni tat-tender tal-*contracts manager*

Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-applikanti għal din is-sejħa kienu dawn:

| Isem | Ammont fix-xahar | Rimarki |
|---|---|---|
| Is-Sur Philip Chircop – Sliema | € 1333 | 40 siegħa fil-ġimgħa |
| Is-Sur Stephen Buhagiar – Swieqi | € 1200 | 40 siegħa fil-ġimgħa |
| Is-Sur Stephen Farrugia – MP&DC | € 1648 | 10 sigħat fil-ġimgħa |
| Is-Sur William Sciberras - GTI | € 2750 | 25 sigħat fil-ġimgha |

Il-kunsilliera preżenti qablu li għandhom jiġu eliminati l-aħħar żewġ applikanti minħabba li s-sigħat li offrew huma ftit għax-xogħol li għandu bżonn il-kunsill, apparti l-fatt li l-preżżijiet kienu għolja.

Is-segretarju eżekuttiv ġie mitlub jagħti l-informazzjoni meħtieġa dwar iż-żewġ applikanti l-oħra s-Sur Philip Chircop u s-Sur Stephen Buhagiar.

Kien hemm diversi kummenti mill-kunsilliera preżenti fosthom: Il-viċi sindku J. Gonzi qalet li s-Sur Stephen Buhagiar qiegħed jipprova jbiegħ lilu nnifsu skont kif kiteb l-applikazzjoni tiegħu, apparti l-fatt li ġibdet l-attenzjoni li s-sur Buhagiar huwa mis-Swieqi filwaqt li s-sur Chircop huwa minn tas-Siema. Is-sindku N. Dimech irrimarka li s-sur Stephen Buhagiar għandu l-orħos offerta. Il-kunsillier B. Cali qal li kull m'hemm differenza bejn wieħed u ieħor huwa *Lm 10* fil-ġimgħa u s-Sur Chircop għandu esperjenza għaliex kien jaħdem ma' l-*AirMalta*. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li s-sur Stephen Buhagiar jidher li huwa raġel enerġettiku u huwa l-irħas. Il-kunsilliera M. Aquilina fakkret ukoll li l-kunsill kien ftiehem li l-kuntratt ikun bl-ewwel sitt xhur *on probation* fejn il-kuntratt jiġi mġedded skont kif jipproduċi x-xogħol. Il-kunsillier E. Cuschieri ssuġġerixxa li jsir xi tip ta' *interview* ma' dawn iż-żewġ persuni. Is-Sindku N. Dimech qallu li ma xtaqx li l-kunsill itawwal l-proċess speċjalment għal fatt li l-għazla hija bejn tnejn.

Il-kunsillier J. Galea ippropona li din it-*tender* għandha tingħata lis-Sur Stephen Buhagiar minħabba l-fatt li huwa l-irħas u wera professjonalita dwar kif se jinħadem il-programm tax-xogħol. Il-kunsilliera S. Camilleri issekondat.

Il-kunsillier B. Cali għamel kontra proposta li din it-*tender* tingħata lis-Sur Philip Chircop minħabba li skont ic-cv huwa iżjed idoneju għal dan ix-xogħol u li d-differenza fil-prezz hija ta' Euro 23.29 (*Lm 10)* fil-ġimgħa biss. Ġie ssekondat mill-viċi sindku J Gonzi.

Il-kunsilliera ħadu vot fuq l-ewwel proposta tal-kunsillier J. Galea fejn ippropona lis-Sur Buhagiar, u ġie ssekondat mill-kunsilliera S. Camilleri. Is-sindku N. Dimech, il-kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri u M. Debono. Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera B. Cali u C. Engerer astjenew. Il-proposta għaddiet b'sitt voti favur u tliet astensjonijiet.

Għal kontra proposta li għamel il-kunsillier B. Cali ma ttieħed l-ebda vot minħabba l-fatt li kienet għaddiet l-ewwel proposta.

Il-kunsillier M. Debono ippropona li l-kuntratt li se jingħata lis-sur Stephen Buhagiar għandu jingħata b'sitt xhur *probation* u jekk is-servizz ma jingħatax skont l-*ispecifications* tat-*tender* awtomatikament ma jiġġedditx u jingħata lis-Sur Philip Chircop. Il-kunsillier B. Cali issekondah. Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri, C. Engerer u J. Galea ivvotaw favur filwaqt li l-kunsilliera S. Camilleri ivvotat kontra. Din il-proposta għaddiet bi tmien voti favur u wieħed kontra.

### 3. Għażla ta' post vakant ta' skrivan/a klerikali fl-uffiċċju tal-kunsill

Ġie deċiż li għall-għażla ta' l-iskrivan/a għandu jkun hemm bord li se jkun magħmul mis-sindku N. Dimech, Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u M. Debono.

**4. Applikazzjoni għal *CPPS Funding* għall-pubblikazzjoni ta' ktejjeb li jispjega fid-dettal is-sistema ta' RPZ kif ukoll sejħa għall-offerti għall-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb.**

Is-sindku N. Dimech irrefera għall-laqgħa li kien mistieden bħala Sindku dwar l-RPZ fl-uffiċini tal-MTA. Il-kunsillier M. Debono staqsa għalfejn ma kienx mistieden. Is-Sindku N. Dimech qali li huwa kien mistieden flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u kien għalhekk li kien qiegħed jgħaddi l-informazzjoni lura lill-kunsill. Is-sindku qal li din kienet dwar il-kwistjoni tal-karozzi tal-kiri kif ukoll interventi mil-MHRA u talba sabiex it-turisti jkunu eżistenti mil-RPZ. Saret proposta li l-RPZ tkun għal sagħtejn u nofs u mhux għal sagħtejn bħal ma tinsab f'San Giljan. Is-sindku N. Dimech issuġġerixxa li għandu jkun hemm *working group* bejn il-kunsilliera B. Cali u M. Debono. Dawn iż-żewġ kunsilliera qablu li għandhom jiltaqgħu.

Is-sindku N. Dimech irrimarka li għad hemm ħafna nies li għadhom ma jafux kif se tiġi implimentata din is-sistema dwar il-parkeġġ. Il-kunsillier B. Cali għamel *draft* ta' ktejjeb dwar din is-sistema biex dan ikun jista jitqsassam lill-pubbliku konċernat bil-għan li jispjega din is-sistema b'mod simplifikat. Għal dan kien hemm qbil li jinħareġ *tender* għall-istampar ta' dan il-fuljett. Il-kunsilliera S. Camilleri irrimarkat li f'Tas-Sliema għandna ħafna turisti. Is-sindku N. Dimech spjega l-urġenza ta' din it-*tender* biex in-nies jifhmu eżatt u tiġi evitata informazzjoni miskoretta. Għal dan kien hemm qbil li jinħareġ *tender* għall-istampar ta' dan il-fuljett, pero qabel il-fuljett għandu jintbagħt lil kull kunsillier fejn irid jiġi approvat mill-ADT u jerġa jiġi diskuss mill-kunsill. Il-kunsill qabel ukoll li għandu japplika għall-fondi ta' CPPS.

*Ġew diskussi affarijiet oħra :*

a. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li ġiet avviċinata mil-ħaddiem Frans Debono fejn talab ikun jaf il-pożizzjoni tal-kunsill li se jieħu, jekk jaqbilx li jkompli wara li jispiċċa bil-pensjoni. Is-sindku talab li din tiġi diskussa fis-seduta li jmiss. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li tipproponi li għandu jibqa.

*Il-kunsilliera B. Cali u M. Debono ġew skużati li jitilqu mis-seduta fis-6.50pm*

b. Il-viċi sindku J. Gonzi għamlet rikjesta għal *mobile toilets*. Il-kunsilliera S. Camilleri qalet li jkun tajjeb kieku jsiru latrini permanenti fi Qui si sana kif diġa kien hemm fil-passat. Is-sindku N. Dimech qal li se jiddiskuti dan kollu ma' l-Onorevoli G. Pullicino.

c. Il-kunsillier J. Galea informa lill-kunsilliera preżenti li fis-26 ta' Settembru 2009 se ssir kampanja dwar lokalitajiet Indaf. Qal li se jkunu involuti madwar 80 membri ta' l-*iscouts*, tnax-il pulizija u madwar 120 persuna oħra. Il-kunsillier J. Galea qal li l-kunsill irid jipprovi l-ingwanti, il-kunsill irid isib *sponsor* għall-ilma u xi *snack*. Il-kunsillier J. Galea qal li din il-ħidma se tibda minn ħdejn il-*HeadQuarters* ta' l-iscouts fejn se jkun hemm 25 membru ta' l-*iscouts* li huma taħt l-għaxar snin, u l-kumplament se jitqassmu f'madwar għoxrin grupp. Se titqassam ukoll mappa għal kull grupp ta' kif se jinqasam it-tindif. Il-ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali se jipprovdu *mobile toilets* kif ukoll boroż griżi u suwed. Is-sindku N. Dimech qal li bħala NGO l-kunsill jista joffri Euro 116.59.

d. Il-kunsillier E. Cuschieri informa lill-kunsilliera preżenti li hu flimkien mal-kunsilliera M. Aquilina u S. Camilleri xtaqu jorganizzaw attivita oħra ta' l-aħħar tas-sajf. Il-kunsilliera

preżenti qablu b'mod unanimu dwar dan. Din l-attivita se tiġi organizzata direttament mas-sinjura Marie Therese Vassallo.

Is-seduta ntemmet fis-7.15pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Settembru, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**